**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 303/21 AL

A B

vs

Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Peter Sammut nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Liubov sive C D E

(MR Number 984/2007)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi ir-rikorrenti izzewweg lill-intimata fil-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) kif jikkonferma ic-certifikat taz-zwieg anness u immarkat bhala DOK 1 ;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma' twieldux ulied;

3. Illi iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tant li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Jeancarl Debono datat 22 ta' Marzu 2016. Kopja tal-kuntratt annessa u immarkata bhal DOK 2;

4. Illi ghaldaqstant il-partijiet ilhom isseparati ghal aktar minn erba' snin;
5. Illi ma' hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni;

6. Illi anki skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni anness, jikkonferma illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

7. Illi llum il-gurnata ir-rikorrenti ma' jafx fejn tinstab jew qed tirrisjedi l-intimata hlief li sema' li telqet minn Malta u marret lura lejn ir-Russja;

8. Illi għalhekk kontestwalment ma’ dan ir-rikors qed jiġi preżental wkoll rikors għall-ħatra ta’ Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw l-assenti Liubov sive Luba Nikolayevna Seguna;

9. Għaldaqstant dawn il-fatti suesposti jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-liġi għal ksib tad-divorzju u għalhekk ir-rikorrenti jixtieq jiprevalixxi mid-dritt li jitlob u jottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-artikoli 66A u 66B.

Talab lill-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A u l-artikoli sussegwenti tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati a fol. 23 tal-process li permezz taghha jghidu illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru 2021;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Marzu 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.